NEWSPAPER POST



MISSION FUND

72/2, St. Joseph Flats, Triq il-Farinal,
Mosta MST 07 Malta
Website: www.missionfund.org
E-Mail: missionfund@global.net.mt
Tel: (+356) 2141 3664 Fax: (+356) 2141 3664
24-hr Answering Machine Service

# IL-MISSJUNARJU

No. 88

## EDITORJAL

Marzu-Mejju 2007

Għeżiez Membri u Ko-operaturi,

Bdejna sena ġdida, bidu ta' sena tassew unika għalina l-Kattoliċi bl-okkażżjoni sabiħa tal-ħatra ta' l-Eccellenza Tiegħu Monsinjur Pawl Cremona. Nawgurawlu Ad Multos Annos u nwegħduh it-talb tagħna.

"Hejju t-Triq għall-Mulej"..... dan huwa l-messaġġ li l-Arċisqof tagħna qed jgħaddi lill-merħla tiegħu: kliem li għandu jkollu tifsira speċjali, kemm għall-voluntiera li jaħdmu fi ħdan il-Mission Fund, kif ukoll għall-missjunarji mxerrdin mad-dinja kollha. B'dan il-ħsieb f'moħħna, għandna nservu lil oħrajn fuq l-eżempju li tana Kristu stess meta għix fostna bħala bniedem bħalna.

Huwa għalhekk li l-Mission Fund tul dawn l-aħħar 23 sena, baqgħet għaddejja b'ħidma kontinwa b'risq il-Missjunarji Maltin li Alla għażel biex jaħdmu fl-għalqa Tiegħu f'pajjiżi tant foqra.

Kull wieħed u waħda minna nistgħu nkunu missjunarji f'pajjiżna stess ma' nies li niltaqgħu magħhom kuljum. Dawn huma ħutna fi Kristu u kemm jekk ikunu membri tal-familja, ħbieb, nies barranin u dawk li mhumiex ta' l-istess fehma tagħna; dawn kollha huma xbieha t'Alla. Huwa dmir tagħna bħala nsara li noffru l-għajnuna tagħna, hu x'inhu l-kulur u t-twemmin. M'għandniex nikkuntentaw ruħna billi ngħidu miskin jew miskina, għax b'hekk il-fqir ser jibqa' fqir, min hu bil-ġuħ ser jibqa' bil-ġuħ, min hu bil-għatx ser jibqa bil-għatx u min m'għandux fejn jgħoqod ser jibqa' bla saqaf fuq rasu. L-imħabba tagħna lejn il-proxxmu għandna nuruha bil-fatti, dejjem skond il-potenzjal ta' kull wieħed u waħda minna.



Fil-mument ta' mewtna se nkunu ġġudikati fuq l-għemejjel tajba li nkunu għamilna u kemm ħabbejna lill-proxxmu tagħna fil-bżonn. Nitolbu lill-Mulej biex jibgħat aktar ħaddiema fil-għalqa tiegħu.

Rose-Marie Papagiorcopulo
Committee Member

**DONAZZJONIJIET LI NTBAGHTU LILL-MISSJUNARJI BEJN SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2006**

| | Lm |
|---|---|
| 1. Fr. Joseph Bonello (HONDURAS)<br>Towards running and maintaining the sewing and carpentry workshops, nutrition and medical program and giving partial financial help to build homes for the poor. | 500 |
| 2. Fr. Angelo Falzon (HONDURAS)<br>Towards providing food, medicine, clothes for the poor and the formation of youths. | 500 |
| 3. Fr. Albert Gauci (HONDURAS)<br>Towards building a new prison to replace the old one which doesn't have water, sewage system etc. | 500 |
| 4. Sr. Rosanna Spiteri (ETHIOPIA)<br>Towards the project for the construction of a water reservoir 'Septic tank' | 500 |
| 5. Sr. Laetitia S. Borg (ETHIOPIA)<br>Towards providing education to orphans and children of single mothers and buying equipment like sewing machines, computers or bread-maker for the youths to help them start a small business so that they can help themselves and others. | 500 |
| 6. Sr. Rose Theresa Sant (ISRAEL)<br>Towards providing food and other necessities to a family with 4 children and buying a cooking stove for a family of 12 persons. | 500 |
| 7. Sr. Mary Carmen Busuttil (EGYPT)<br>Towards providing lessons to poor children who cannot pay their school fees and helping the families on very low income with their basic needs. | 500 |
| 8. Sr. Elvira J. Mallia (TUNESIA)<br>Towards providing the poor children with clothing, food stuffs and school requisites. | 500 |
| 9. Sr. Anna Maria Sammut (PAKISTAN)<br>Towards the paving of the yard of the women section. | 500 |
| 10. Sr. Nathalie Abela (PAKISTAN)<br>Towards the education programme for the poor children. | 500 |
| 11. Sr. Mary Eufemia Buhagiar (ARGENTINA)<br>Towards supporting poor women and giving assistance to street and abandoned children. | 500 |
| 12. Fr. Peter Baldacchino (BRITISH WEST INDIES)<br>Towards the running of the Holy Family Academy, the first Catholic School in Turks. | 500 |
| 13. Ms Monica Tonna Barthet (ETHIOPIA)<br>Towards the Angel's Children Home Project, where street children find support and shelter. | 500 |

| | Lm |
|---|---|
| 14. Fr. John Muscat (EGYPT)<br>Towards providing education and lodgings to the homeless and personal aids to polio sufferers. | 500 |
| 15. Sr. Fausta Grima (ETHIOPIA)<br>Towards financing school fees and medical bills for the poor. | 500 |
| 16. Sr. Michelina Micallef (KENYA)<br>Towards constructing a refuge and shelter Home for the poor girls. | 500 |
| 17. Sr. Teodoreta Aquilina (BRAZIL)<br>Towards the running of two crèches, providing food and educational material. | 500 |
| 18. Mr. James A. Borg (INDIA)<br>Towards pastoral work with the poor and refurbishing the college where the seminarians live. | 500 |
| 19. Sr. Giustina Aquilina (PAKISTAN)<br>Towards providing medical treatment and buying laboratory equipment. | 500 |
| 20. Sr. Dr. Maria Borda (TANZANIA)<br>Towards providing medical treatment for the poor and ongoing education for the staff. | 500 |
| 21. Sr. Carmen Sammut (TUNISIA)<br>Towards helping the handicapped children. | 500 |
| 22. Sr. Grazia Schembri (EGYPT)<br>Towards providing medicine and medical care to the old missionaries and the poor. | 500 |
| 23. Fr. Jospeh Galea (KENYA)<br>Towards the building of wells, where water is scarce, for agricultural purposes. | 500 |
| 24. Fr. Henry Balzan (CHILE)<br>Towards the purchase of an oxygen equipment for the terminally sick. | 500 |
| 25. Fr. Paul Mercieca (BRAZIL)<br>Towards the building of chapels and centres in different communities. | 500 |
| 26. Sr. M.C.Gatt (PAKISTAN)<br>Towards the purchase of a vaporizer, a very important part of an anaesthesia machine. | 500 |
| 27. Fr. R. Abdilla (ALGERIA) | 500 |
| 28. Sr. C. Farrugia (ZAMBIA) | 500 |
| 29. Bro. John Cassar (KENYA) | 500 |
| Donazzjonijiet mill – 01.09.2006 – 31.12.2006 | Lm 14,500 |
| **Donazzjonijiet matul is-sena 2006** | **Lm 69,825** |
| **Donazzjonijiet minn 1984 – 2006** | **Lm 791,745** |

**(Dan l-ammont jinkludi l-flus li tqassmu f'waqt l-esperjenza ta' sajf)**

## NEWSLETTER FUND

Bħal kull sena, qed niġbru donazzjoni ta' lanqas Lm1, għall-ispejjeż ta' din in-Newsletter. Jekk jogħġobkom immarkaw l-envelop tad-donazzjoni għal dan l-iskop, jiġifieri 'Newsletter Fund'. Din id-donazzjoni mhix obbligatorja. Min ma jibgħatiex xorta jibqa' jirċievi n-Newsletter imma bl-għajnuna tagħkom tkunu qed ittaffu xi ftit l-ispejjez tagħna. Grazzi.

## ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-GWATEMALA

Bejn Lulju w Awissu, grupp ta' voluntieri sejrin San Manuel Chaperon fil-Gwatemala, biex jagħmlu esperjenza missjunarja fuq talba ta' Fr. Anton Grech, missjunarju li ilu f'dan il-pajjiż tat-Tielet Dinja minn mindu sar qassis, 10 snin ilu! Qed nagħmlu talba ġenerali għal kull tip ta' **għodod, mediċini,** ***preserves, computers*** u ***stationery***, sabiex jintbagħtu fil-kontejner li ser jitlaq f'April.

Jinħtieġu wkoll **dqiq, zokkor, intrita, bajd u lumi** għall- figolli li ser nagħmlu għal *fund raising*. Dawn ser jinbiegħu **Lm2.00** il-waħda. Tistgħu tordnaw mill-uffiċċju fuq tel no. 2141 3664, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9.00 ta' filgħodu sas-1.00 ta' wara nofs in-nhar.

## QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA

Kull xahar matul is-sena, fil-knisja ta' **San Franġisk il-Ħamrun** ser issir quddiesa għall-erwieħ tal-qraba tal-benefatturi tal-Mission Fund. Dan ser isir f'nofs inhar f'dawn il-Ħdud li ġejjin:
11 ta' Marzu, 1 ta'April, 6 ta' Mejju, 10 ta' Ġunju, 8 ta' Lulju, 12 ta'Awissu,
9 ta' Settembru, 14 ta'Ottubru, 11 ta' Novembru, 30 ta' Diċembru, 2007.
Inħeġġu lil kull min jista` biex jattendi għal dan il-quddies.

Quddiesa oħra ser issir nhar il-**Ħamis 19 ta' April, 2007** fis-Santwarju ta' Sta. Tereża, Valley Road, B'KARA, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni għandu jimla l-formula t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba u ħbieb mejtin u jibgħathilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddies. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess għan mill-Missjunarji li intom stess qegħdin tgħinu fit-Tielet Dinja.

------------------------------------------------ aqta` hawn ------------------------------------------------

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' Lm ____________ permezz ta' cheque/ money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

ISEM: ______________________________

INDIRIZZ: ______________________________

POST CODE: ____________________ TEL: ____________

**SKEMA SELF TA' FLUS**

Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, jsellifna somma flus (Lm200 minimu) u l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund. Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu irċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' Lm24,000 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opera sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.

Hawn taħt qegħdin jidhru n-numri tal-kontijiet bankarji tal-Mission Fund għal min jixtieq jibgħatilna xi donazzjoni dirett mill-bank.

**MISSION FUND - Account Numbers**

**BOV plc 163 007 980 19** **HSBC plc 061 1197 448 050**



**FUND RAISING CAR WASH**

Il-grupp li ser jagħmel esperjenza l-Guatemala ser jorganizza *Car Wash* ħdejn is-SISA Supermarket, Ħaż-**ŻABBAR,** nhar is-**Sibt 3 ta' Marzu u l-24 ta' Marzu, 2007** bejn is-7.30 ta' filgħodu u l-4.30 ta' wara nofs in-nhar.

**FUND RAISING COLD BUFFET**

L-istess grupp ser jorganizza *Cold Buffet* fl-**Oratorju tan-NAXXAR** nhar is-**Sibt 21 t'April, 2007 fis-7.30pm.** Il-prezz ser ikun Lm4.50 għal kbar u Lm2.50 għat-tfal ta' taħt il-ħdax il-sena. Min ikun irid biljetti għandu jċempel lil Joe Mifsud (Tel: 2141 5353) jew lil Sylvia Ebejer (Tel: 2143 5968) sa mhux aktar tard mis-**16 ta' April, 2007**. Trasport mhux ser ikun provdut għal din l-attivita`.

**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2007**

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir nhar il-Ħamis 26 ta' April, 2007. Nibdew b'quddiesa fis-6.00 ta' filgħaxija fiċ-ċentru ta' San Franġisk il-Ħamrun. F'din il-laqgħa, fost affarijiet oħra ssir elezzjoni għall-membri ta' Kumitat ġdid għas-sena Marzu 2007 – Frar 2008, kif ukoll jinqraw u jiġu approvati r-Rapport tal-President u r-Rapport Finanzjarju għas-sena li għada kemm għaddiet. Inħabbrulkom il-kumitat il-ġdid fil-ħarġa li jmiss.

**AVVIŻI:**

Nixtiequ ninfurmawkom li m' għadniex naċċettaw Christmas Cards użati, u lanqas għandna għal bejgħ.
**Il-Mission Fund ma tibgħat lil ebda persuni jiġbru donazzjonijiet mid-djar.**

FOR SALE

Tel: 2141 3664

- HJC motorcycle helmets X2 – Lm 30 each o.n.o.- Hardly used
- Canon C-50 Fax machine – Lm15
- Auto-Carena cine` camera
- Nikon-Kiron camera + accessories
- Camera Minolta XD11
- ATTACK THROTTLE for PC gaming - Lm10 – Never used
- Kollezzjoni ta' ashtrays bir-reklami u oħra ta' biros bir-reklami
- Salott lussuż tal-bellus kannella, 2 vetrini, arloġġ ta' l-istand, kolonni, sopraporti, sottospecchio, pitturi ecċ. Kollox indurat bid-deheb, ideali ħafna għal xi swali.

MISSION FUND

# *GRAND BAZAAR*

*Ta' ħwejjeġ, ġugarelli, ċeramika*
*u mitt elf ħaġa oħra !*
*Prezzijiet inkredibbli – Titilfuħx!*

Narawkom

Post: 21,TRIQ L-IMHALLA NAXXAR

(kif iddur ma' l-ewwel triq fuq ix-xellug min mal-Greenwich supermarket)

**Mil- Erbgħa 24 sas-Sibt 26 ta' Mejju, 2007**

9.00am – 1.00pm

**EJJEW IXTRU !!!**
**IFFRANKAW IL-FLUS**

Il-qliegħ kollu jmur b'risq il-Missjunarji Maltin u Għawdxin li qiegħdin jaħdmu fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja